# LIL MIKIEL ANTON VASSALLI

## SUNETT

Jifraħ il-lum ġo qabrek l-għadam tiegħek
Malti mill-kbar u l-ewwel missier tagħna,
Għaliex il-ħsieb li ħlomt ma tkeffinx miegħek
Fi qlubna għadu ħajj u tlaħħam magħna.

Min tâk fuq wiċċek sħiħ u żarma 'l driegħek,
Għax lill-barrani dejjem ried jirhanna,
Fit-trab ta' l-art il-lum rajnieh jitmiegħek,
Mirbuħ u fqir bla tama li jistagħna (1).

Tgħannaqna f'fehma waħda għalenija,
Kissirna r-rbit qadim ta' Malta rsira
U sirna l-aktar sħaħ u kotranija.

Dalwaqt jisbaħ jum ġdid, jum kollu dija
U sseħħ, missier, il-ħolma tiegħek kbira:
Malta fil-Lsien u l-qalb, Malta Maltija.

ĠORĠ PISANI

12/12/33

(1) Dan ifisser li dawk li ħabbtu lil Vassalli għax ried jagħmel il-Malti Ilsien Nazzjonali, il-lum intrebħu billi l-Malti jinsab imxerred ma kullimkien u l-kitba tiegħu toktor dejjem. Xejn iżjed.